# IX-XALATA TA' HEBRON

Meta konna Ġerusalem, l-imgħallem tagħna kien wegħedna li jeħodna nagħmlu xalâta bil-motors in naħa ta' Hebrôn. Sa fl-aħħar il-wegħda waslet u wara Għid il-Kbir 1927, jum wieħed qalilna li x-xalâta kellha tkun il-għada.

Sebaħ fil-għodu bil-għajnuna t'Alla u ltqajna aħna li kellna mmorru; konna disgħa, bil-imgħallem għaxra. Wieħed Spanjol, ieħor Awstrijak,



*It-triq bejn Betlehem u Hebron. Fil-lemin tidher il-kamra li minnha ħiereġ l-ilma ta' Għajn Dirwa.*

ieħor Jugoslav, ieħor Taljan; tlieta Għarab u tlieta Maltin. Aħna l-Maltin konna wieħed mill-belt, wieħed mill-Furjana u l-ieħor minn Ħaż Żebbuġ. Barra mill-Awstrijak u l-Ispanjol, li kellhom mal-ħamsîn sena, l-oħrajn konna lkoll taħt it-tletin u l-fuq mit-tmintax-il sena.

Ħada l-bieb tal-imgħallem kien hemm xi sniedaq u xi bxiekel bl-ikel, u bħal *water-bottle* kbîr tal-inħâs, daqs għarbiel, mimli bl-inbit. Irfajna kollox u qegħednihom fil-motors li kienu hemm jistennewna. Iż-żewġ *chauffeurs* wara li rabtu kollox u aħna rkibna, saqu.

Ħriġna minn Bab il-Ġdid u ksirna lejn ix-xellug. Fraqna Allenby Square, inżilna lejn Birket Mamilla, tlajna King George's Avenue, għaddenja mill-Baqgħa u ġbidna għat-triq ta' Betlehem.

Għaddejna Betlehem u bqajna sejrin; anqas hawn ma waqafna; wara ftit ilħaqna Għajn Dirwa, u hawnhekk inżilna l-ewwel darba. Fuq ix-xellug tat-triq hemm dar żgħira bħad-djar tal-għelieqi ta' Malta, li fis-saflieni tagħha fiha miżieb li jċarċar minnu l-ilma għal ġewwa ħawt dejjaq u twil. Dal-ilma ġej mill-blât u dari kien jistagħdar f'xi mkien. Hemm il-qaddis Filipp għammed lil qaddej ta' Kandakja sultana tal-Etjopja (Atti, VII, 26-40).

Kien hemm weqfin żewġ subjien Għarab li kif jidher il-għalqa ta' fejn kien hemm il-għajn kienet tagħhom.



*Il-kamra li minnha ħierġa Għajn Dirwa, fit-triq ta' bejn Betlehem u Hebron.*

Xi erba' minna dħalna ġewwa l-għalqa u ridna naraw x'kien hemm fid-dar li fiha l-miżieb. Wieħed mis-subjien waqaf fil-bieb u ma riedx iħallina nidħlu jekk qabel ma nagħtuhx baqxix. Imma billi l-kamra kienet bla bieb, aħna rajna x'kien

fiha minn ġewwa, u baqxix ma ħallasna xejn. Kienet battâla u l-ħitan kollha ħażż u kien fiha miħrab bħal niċċa kbira tħares lejn nofs inhar, biex il-Misilmin meta jsellu fiha jkunu jafu liema naħa tiġi l-Mekka u jsellu wiċċhom 'l hemm. Ħdejn id-dar kien



*Waħda mit-tliet menqiet ta' Salamun, qrib Hebron, li minnhom jinġibed l-ilma u jinbagħat Ġerusalem bil-kanen taħt l art.*

hemm xi oqbra mħaffrin fil-blat, li wieħed mis-subjien qalilna li kienu *newemîs*. Jien ftakart fil-kelma *dwiemes* bil-Malti, imma biex nitħaqqaq sewwa saqsejtu: "Newemîs ġemgħa; kif bi tqul il-mufrad?" (1) Qalli: "il-mufrad nemûs". U hekk għaraft li bil Malti u bil-Għarbi, qabar fil-blat jgħidulu xorta waħda, għax minn *demus* għal *nemus* m'hemm qisu xejn. It-tibdil ta' d f'n ħaġa żgħira.

Ħriġna, irkibna u soqna. Wara qatiegħ wasalna f'naħa ma nafx xi jgħidulha, fejn hemm ras il-għajn. Inżilna u morna narawha. Hemm menqa kbira mimlija bl-ilma safi bħal dmugħ il-għajnejn, imma daqs kemm hu ċar, jidher donnu kaħlâni Il-menqa mdawra b'xibka tal-ħajt tal ħadid, u fuq luħ tal-għuda miżbugħ iswed hemm miktub, bl-Ingliż, bil-Għarbi u bil-Lhudi li ħadd ma jista' jgħum ġewwa dik il-menqa.

Hemm hada l-menqa maħżen kbir u ġewwa l-maħżen żewġ makni, waħda wieqfa u waħda taħdem. Tiġbed l-ilma mill menqa u titfgħu bil-katusi fuq għolja u minn hemm jibqa sejjer Ġerusalem.

Irkibna u wara ġibda oħra rġajna waqafna. Inżilna mill-motors, ilwejna lejn ix-xellug u dħalna fi sqâq dejjaq bħas-sqaqien bejn l-egħlieqi ta' Malta. Għax din naħa r-raba fih il-ħitan bħar-raba ta' Malta, għad li fi nħawi oħra hu mifrud minn xulxin bil-biċċiet tal-ħadid imwaħħlin fl-art, jew b'xi sarbut ħaġar. Wara li mxejna ftit wasalna f'tarf is-sqaq u rajna quddiemna sisien ta' xi bini kbir b'kull ħaġra daqsiex. Il-Għarab hawn hekk jgħidulu Bejt il-Ħalil, li tfisser: dar il-Ħabib t'Alla (Abraham).



*Hebron, Palestina: Bini qadim, jgħidulu Bejt il-Halil, fejn Abraham waqqaf il-għarix tiegħu meta ġie mill-Kaldija għal Palestina.*

Hawn hu l-imkien fejn Abraham waqqaf il għarix tiegħu meta Alla l-Imbierek ġiebu fl-art ta' Kangħân, u u hawn ukoll bena naqra ta' maqdes fejn jaħraq quddiem il-Mulej il-għotjiet tiegħu. Imma ħalli naraw ftit kif inhu.

Mill-bini li kien hawn, għadhom jidhru biss żewġ sisien tal-ħitan ta' barra, it-tnejn l-oħra mirdumin taħt

għarmiet ta' laqx żrâr u trâb. Il-bini fi żmienu kien imrebba', kull naħa tħâres lejn wieħed mill-erbat irjieħ. Il-bieb li tiegħu għadha tidher il-għatba, kien iħares in-naħa tal-Għarb jew inżul ix-xemx. Iż-żewġ ħitân li jidhru il-wieħed li fih il-bieb, twil mal-214 xiber Ingliż, u li jidher mill-ieħor, 165. Dawn is-sisien mibnijin b'ħaġar maqtugħ tajjeb, imma bla minġur u mqiegħed fuq xulxin bla tajn. Kull ħaġra twila minn għaxra sa sittaxer xiber, għolja tlieta u wiesgħa mat-tnejn u nofs. Il-ħitân kienu mibnija b'żewġ qoxriet li flimkien jagħmlu ħxuna ta' mas-sitt ixbâr.

Fir-rokna n-naħa ta' ġewwa, hemm bir il ħitan tiegħu minn ġewwa, mibnija b'ħaġar minġûr; huwa mdawwar u wiesa' xi għaxart ixbar u għemiq fuq il-għoxrin. (2) Il-Għarab jgħidulu Bir il-Ħalîl. Il-ġewwa hemm sisien ta' qatiegħ taqsim. Fil-ħajt, għoli sewwa, hemm ħaġra li kien fiha kitba bil-Grieg; kienet mittiekla biż-żmien li ma tistax taqraha.

Domna ftit hemm u ħriġna. Malli wasalna ħdejn il-motors, l-Ispanjôl li kien magħna għajtilna biex jagħtina sigarret. 'Ħadd minna ma jdaħħan!' għednielu, għax tassew hekk kien. "Dawn is-sigarretti Spanjôli, kulħadd idaħħanhom!" qalilna, u newlilna kull wieħed żewġ ftietel irqâq, taw-walin u jebsin. X'kienu? Ċikkulâta għamla ta' sigarretti. Irkibna u bew-wiġna.

Wara ftit bil-għajnuna t'Alla wasal-na Ħebrôn u nżilna mill-motors, f'tarf il-belt. Ix-*chauffeurs* baqgħu sejrin quddiem u aħna dħalna mexjin. Kellna l-ewwel inżuru qabar Abraham li hu hawn.

Kif konna mxejna ftit ħdejn bieb ta' dar kien wieqaf tifel Lhudi, ta' xi ħames snin. Kien nadif u liebes bħal tal-Ewropa. Wiċċu mdawwar u qaw-wi, ħaddejh ħamranîn, xbinu abjad u xagħru isfar bħad-deheb; li bla mimxut, ileqq fis-sirġa tax-xemx, kien jarmi bħal dija ma' dawra rasu.

Rana nħarsu lejh tbissmilna. Wara li għaddejna ġie jiġri warajna jgħidil-na: "Buenos dias!"

"Buenos dias, mi pequenno" wie-ġbu l-Ispanjol, waqt li lkoll dorna: "Quieres allar con nosotros?"

"Donde?" Staqsa t-tifel.

"A veer el padre de los Judios!" wieġbu seħibna.

"Vado perguntar mi mamma!", qal iż-żgħir u telaq jiġri lejn id-dar, biex isaqsi l'ommu u aħna mxejna treqitna.

Meta niftakar li dak in-naqra ta' tifel ma wisq oħrajn bħalu aktarx li kien maqtul mill-Għarab fir-rewwixta t'Awissu ta' sentejn wara, qalbi tin-għafas. Jgħidu li liż-żgħar qatgħul-hom griżmejhom bil-ħangar tagħhom bħal ma joqtlu l-ħrief. Kif kellu qalb dak il-mislem li qatlu, li jagħfas is-sikkina ġewwa dak l-għonq tari ta' tarbija ta' ftit snin — li qatt ma għamlet deni? (3)

Bqajna sejrin u wasalna Haram il-Ħalil f'nofs il-belt. Dan hu bini kbir miżmum tajjeb fejn hemm il-qabar ta' Abraham. Issa hawn ġew l-Insara ma jistgħux jidħlu jekk ma jkollhom ħalla, jew permess mill-Mufti ta' Ġerusalem, u dan ma jingħatax lil aktar minn sitta f'daqqa. Aħna konna għaxra. L-imgħallem tellagħlna x-xorti u jien sfajt wieħed mill-erba' li kellhom jibqgħu barra. Imma barra kien hemm x'tara wkoll. Fil-ħajt tal-Haram kien hemm toqba kbira li ġew-wa fiha kienet tixgħel xemgħa; qud-diemha kien hemm weqfin ġemgħa Lhud ta' xi għoxrin ruħ, bejn nisa u

rġiel u tfal. Kienu jibku u jitolbu quddiem Abraham, għax dik il-fetħa, jgħidu, tinfed għal qabar tiegħu. Wara, qatiegħ biki u xhir, wieħed raġel li jidher li hu l-qassis tagħhom, ġama' s-subjien kollha u qegħdilhom idhom fuq xifer it-toqba u beda jaqra fuq ktieb. Naħseb li kien jaqralhom xi barka ta' Abraham.



*Dehra tal-belt ta' Hebron. F'nofsha jidher Bejt il-Ħalil, fejn hemm il-qabar ta' Abraham.*

Sa ma ġew sħabna mela, bqajna weqfin inħarsu lejn il-Lhud u nitkellmu mal għassies Għarbi li kien wieqaf fil-bieb. Saqsejnieh għala dawk il-Lhud li kienu jibku hemm ma kienux bħall-oħrajn xoqor, imma aktarx wiċċhom samrâni. Qalilna li dawk kienu ġew mill-Għirâq (Mesopotamja), waqt li l-oħrajn kienu aktarx mill-Ewropa.

Imma għad ma għedna xejn kif inhuwa l-Haram. Ngħidu kelmtejn fuq fuq biex ma nkunux b'xejn għal kollox. Il-Haram mela huwa bini kbir b'erbat uċuħ kull tnejn daqs l-insew. Tnejn fihom mal-mitejn xiber tul u tnejn mal-mi'a u tnax. Mibni bil-ħaġar kbir, kull ħaġra minġura biss fi trufha, u wiċċha mħolli mqabbeż il barra. Kull ħaġra twila, drabi aktar minn tnejn u għoxrin xiber u għolja mat-tliett ixbâr u nofs. Sa ħmixtaxer xiber il-bini mibni wieqaf; minn ħmistax 'il fuq, imżerżaq, bħal ma aktarx huma s-swar ta' Malta. Fejn hu mżerżaq, mirfud b'għamudiet (pilastri) wesgħin mal-erbat ixbâr u maqlugħin 'il barra ma' dwar xiber. Hemm ħmistaxer għamuda fl-itwal uċuħ u tmienja fil-qosra. Il-ħitan għoljin mal-erbgħin xiber, u ħoxnin mat-tmient ixbâr.

Minn ġewwa l-Haram fih Ġagħma tal-Misilmîn li din kienet knisja tal-Insâra, u bitħa (4). Ġewwa l-Ġegħma hemm bħal bir li jinfed għal qabar ta' Abraham. Idendlu mnara fih u tista tara x'fih. Hu bħal għar imdawwar, fil-ġenb tiegħu hemm bieb fil-blat bħal bwieb tal-qobra Lhud. L-art miksija



*Hebron, Palestina. Siġra tal-ballut xiħa, imħawla fejn San Ġużepp waqqaf il-għarix u għadda l-ewwel lejl tal-ħarba lejn l-Eġittu mal-Bambin u l-Madonna.*

bl-intietef tal-karti li jixħtuhom hemm il-Misilmîn wara li jiktbu l-ħniena li jridu li Abraham jaqlagħlhom minn għand Alla. Fl-art fil-Ġegħma wkoll hemm żewġ ħaġriet kbar fejn jgħidu li taħthom hemm it-tirġien li jieħdu għal qabar. Ħadd ma jista jinżel isfel anqas il-Misilmîn infushom. Hemm

ukoll għerejjex miksija bil-ħarir biex ifakkru fl-oqbra ta' Ishak, ta' Sara u ta' Rebekka u dan, li jgħidu li huma midfunîn hemm, ma' Abraham.

(*Baqa' għal darb'oħra*)

---

(1) Jiġifieri: "Newemîs plural; kif tgħid is-singulâr?"

(2) Dawn il-qisien ma ħadthomx jien; tennejthom minn fuq il-ktieb: "Guide of the Holy Land", ta' Patri Barnabè Meistermann O.F.M. (R.I.P.)

(3) Dan ġara fis-sena 1929. Il-lum nistgħu ngħidu li Malta għandna min hu kiefer aktar minn dawk il-Misilmin ta' Hebron. Dawk qatlu l-t-tfal waqt tixwixa, imma min qatel lit-tifel ta' tmien snin, tal-belt, f'Awissu li għadda, qatagħlu għonqu b'demmu biered.

(4) Dan it-tifsir ukoll ħadtu mill-ktieb ta' Patri Meistermann, għax kif għedt qabel, jiena ma dħaltx ġewwa.

# GUZEPPI FLAVJU U L-"INNOCENTI"

Mit-tfâl żgħâr sax-xjuħ għakka, ma hawn ħadd li ma jâfx bil-ħruxija ta' Eôrdi. U dil-ħruxija magħrufa l-aktar mill-ġrajja ta' meta das-sultân ġabar is-subjien kollha ta' Bethlehem u qatilhom, biex fosthom jaħkem lil Bambin. Għax kien jaf li l-Bambin twieled f'Betlehem, imma ma kienx jaf mîn hu.

Issa ftit wara dak iż-żmien inqala' raġel Lhudi, jismu Ġpżeppi Flavju (1), li kiteb l-istorja ta' Erodi bir-rqaqât tagħha kollha. Biex ngħidu hekk, beda l-istorja minn missieru, baqa' jikteb fuq ħûtu u fuqu (imma l-aktar fuqu), u temm fuq uliedu, wara li miet hu.

Trid târa kemm Flavju kiteb irqaqât fuq Erodi? Saħansitra kiteb li darba meta Erodi kien għadu tifel żgħir, bil-lavanja f'idu sejjer l-iskôla rah raġel qaddis jismu Manahem, għajjatlu u tah daqqa b'idu fuq maqagħdu; u qallu: "Iftakar f'did-daqqa li tajtek, u f'dil-kelma li sa ngħidlek: inti għad issîr sultân. Qis mela li tkun tifel tajjeb, għax inkella Alla jgħaddbek!" (*Antiquitates*, ktieb XV, taqsima X, vers 5). Mela int, jidhirlek li Flavju daqqa fuq maqgħad Erodi, meta kien tifel, sa jsemmiha, u l qtil tal-"Innoċenti" ma jsemmihx? Jiena ngħid, u inti tgħid miegħi, li din hi ħâġa li ma tistâx tkun!

Imma mbagħad hemm ħaġa oħra. In-nies tax-Xerq, jiġifieri l-*Orjentali*, qishom kollha, għandhom drawwa naqra kerha: dak li jgħidu jew jiktbu fuq il-ġrajjiet imgħoddija, jgħaġġbuh wisq, u drabi saħansitra jaqalgħu xi ħaġa minn żniedhom. Ġużeppi Flavju kellu ħafna minn dan. Fil-kitba li kiteb, drâbi ma jaqbilx miegħu n-nifsu; hawn jgħid ħâġa u hemm jgħidha xort'oħra. (Ara "Storia d'Israele", tal-Abbati Ricciotti, faċċata 543). U drabi jaqla' xi ġrajja minn żniedu wkoll, bħal l-istorja ta' kif ħeles mill-mewt meta kien moħbi ġewwa l-bir ta' Jotapata (*De Bello Judaico*, k.III, t.VIII, v.7) (2). U d-drabi li jgħaġġeb il-ġrajjiet, ma jingħaddux!

U hekk donnu li għamel fil-qtîl tal-"Innoċenti". Daqs kemm għaġġeb il ġrajja, anqas baqgħet tingħaraf! Kif sa naraw hawnhekk.